# Qorti Kriminali

## Imhallef

## Onor. Vincent De Gaetano LL.D.

**29 ta' Novembru 2001**

**Att ta' Akkuza 18/2001**

**Ir-Repubbblika ta' Malta**

**v.**

**Ronald Vella**

Il-Qorti:

Rat l-att ta' akkuza numru 18/2001;

Rat in-nota ta' l-akkuzat, minnu ppresentata fil-31 ta' Ottubru, 2001, li permezz taghha ta avviz ta' eccezzjoni preliminari u cioe` l-eccezzjoni

"*illi l-fatti, kif esposti fil-parti narrattiva tal-kap ta' l-Att ta' l-Akkuza, ma jistghu qatt jammontaw ghall-ezistenza legali tad-delitt ta' omicidju volontarju li hu prospettat fil-parti akkuzatorja ta' l-istess Att ta' Akkuza, u dan peress illi l-istess fatti ma jindikawx l-element materjali w indispensabbli ta' dan id-delitt, cioe` l-mewt tal-persuna*";

Semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza ta' nhar it-Tnejn, 26 ta' Novembru, 2001;

Ikkunsidrat:

Ronald Vella jinsab akkuzat bl-omicidju volontarju ta' martu Jane. Dan hu l-uniku reat li qed jigi migjub kontra l-akkuzat, u ghalhekk proprjament l-Avukat Generali ma huwiex korrett meta, wara l-kliem "L-Avukat Generali f'isem ir-Repubblika ta' Malta jghid", jikkwalifika l-kumplament ta' l-akkuza bl-intestatura "**L-Ewwel Kap**". Att ta' Akkuza jinqasam f'diversi kapi biss meta jkunu qed jingiebu aktar minn reat wiehed kontra l-istess persuna jew kontra diversi persuni (ara l-Artikoli 589, 591 u 593(1) tal-Kodici Kriminali).

L-eccezzjoni ta' l-akkuzat tidher li hi bbazata fuq dak li jipprovdi l-paragrafu (b) tas-subartikolu (5) ta' l-Artikolu 449 tal-Kodici Kriminali, liema paragrafu jipprospetta n-nullita` ta' l-Att ta' Akkuza "meta l-fatt migjub fl-att ta' akkuza ma jkunx jikkostitwixxi, fis-sustanza, ir-reat migjub jew deskritt f'dak l-att". Din id-

disposizzjoni giet ikkunsidrata fid-dettal f'diversi sentenzi kemm ta' din il-Qorti kif ukoll tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali (ara, fost ohrajn, ***Ir-Repubblika ta' Malta v. Aibrahim Bashir Ben Matue***, App. Krim. 15/2/1996; ***Ir-Repubblika ta' Malta v. Mario Camilleri***, Qorti Kriminali 28/5/99, deciza finalment mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fit-23/1/01). Kif dejjem gie ritenut, irid ikun hemm ness logiku bejn il-parti esposittiva tal-Att ta' l-Akkuza (jew ta' kap partikolari) u l-parti akkuzatorja ta' l-istess Att ta' Akkuza (jew tal-kap li jkun); in-nuqqas ta' tali ness igib bhala konsegwenza n-nullita` tal-Att ta' Akkuza (jew tal-kap li jkun) proprju in vista ta' dak li jipprovdi l-Artikolu 449(5)(b) imsemmi. Fi kliem iehor, fil-parti esposittiva jridu jirrisultaw fis-sustanza – mhux necessarjament fid-dettal – l-elementi essenzjali tar-reat li bih dak li jkun ikun qed jigi akkuzat. Il-Qorti tista` wkoll tezercita d-diskrezzjoni taghha sabiex tordna korrezzjoni fl-Att ta' Akkuza jekk ikun jidhrilha li hekk ghandha taghmel, ghalkemm tali diskrezzjoni ghandha tigi ezercitata b'cirkospezzjoni kbira u dan sabiex il-Qorti ma tuzurpax il-funzjoni ta' l-Avukat Generali li jiddetermina l-fatti li, skond hu, sehhew (ara ***Ir-Repubblika ta' Malta v. John Farrugia***, Qorti Kriminali 30/9/96). Fil-kaz in dizamina, ir-reat migjub (cioe` dak li bih qed jigi akkuzat Vella) huwa ta' omicidju volontarju. Fl-parti esposittiva hemm, ghalkemm forsi b'mod pjuttost succint, kemm l-element formali tal-reat kif ukoll dak materjali: "…meta f'daqqa wahda l-istess Ronald Vella dolozament bil-hsieb li joqtol lil martu Jane Vella jew li jqieghedilha l-hajja taghha f'perikolu car, imbottha ghal isfel [ta' l-irdum li jissemmew qabel] u kkagunalha l-mewt". Issegwi imbghad, fl-linja wahda, ipotezi ta' movent ghala Vella ddecida li hekk joqtol lil martu. Ghalhekk ma jistax jinghad li l-fatt migjub ma jikkostitwix ir-reat addebitat. Il-mewt ta' Jane Vella – l-element materjali tar-reat – hi kjarament indikata bil-kliem "u kkagunalha l-mewt". Din l-eccezzjoni, ghalhekk, hi infondata u tirrazenta l-fieragh.

Fil-kors tat-trattazzjoni tieghu l-abbili difensur ta' l-akkuzat fisser li dina l-eccezzjoni kien qed jaghtiha peress li, skond hu, <u>fil-process</u> (a differenza tal-Att ta' Akkuza) ma hemm ebda prova tal-mewt ta' mart l-akkuzat. Din hi, pero`, kwistjoni ohra u <u>mhux materja ta' eccezzjoni dwar in-nullita` tal-Att ta' Akkuza</u> izda kwistjoni rimessa ghall-gudikanti tal-fatt – il-gurati. Ma huwiex kompitu ta' din il-Qorti f'dana l-istadju li toqghod tifli l-provi biex, preventivament, tara jekk tirrizultax o meno l-prova tal-mewt. Din il-Qorti f'dana l-sitadju trid tassumi li tali prova tezisti, imqar fuq bazi *prima facie*, ghax kieku l-Qorti Istruttorja ma kienitx tiddeciedi li hemm ragunijiet bizzejjed biex Vella jitqieghed taht Att ta' Akkuza (ara fol. 340 ta' l-attijiet ta' l-istruttorja). Kemm minn dak li qal l-abbili difensur tal-akkuzat, Dott. Emanuel Mallia, kif ukoll mis-sottomissjonijiet maghmula mill-abbili prosekutur, Dott. Anthony Barbara, jidher li l-problema <u>ta' fatt</u> hi, jew tista' tkun, dovuta ghac-cirkostanza li l-kadavru ta' mart Vella qatt ma instab. Pero`, kif tajjeb issottometta l-abbili prosekutur, din hi kwistjoni ta' fatt rimessa ghall-gurati. Ghall-prova tal-mewt ma hux mehtieg li jigi misjub il-kadavru. Kif gie imfisser f'**Archbold: Criminal Pleading, Evidence and Practice (2001)**, pagna 1648, para. 19-9, taht l-intestatura "Absence of body":

"Evidence afforded by the accused himself is sufficient: *R. v. Davidson*, 25 Cr. App. R. 21, CCA. The fact of death is also provable by circumstantial evidence, notwithstanding that neither the body nor any trace of the body has been found: *R. v. Onufrejczyk* [1955] 2 Q.B. 388, 39 Cr. App. R. 1, CCA. Before the defendant can be convicted the fact of death should be proved by such circumstances as render the commission of the crime certain and leave no ground for reasonable doubt. The circumstantial evidence should be so cogent and compelling as to convince a jury that on no rational hypothesis other than murder can the facts be accounted for: *ibid*."

U Luigi Majno, fil-**Commento al Codice Penale Italiano**, UTET (Torino), 1924, pagna 253, para. 1569 josserva, fin-nota in calce numru 7, li:

"Fu giudicato non necessario alla prova dell'omicidio il reperimento del cadavere, ma potervisi supllire con equipollenti: Cassaz. Penale, 9 marzo 1891, *Formilli* (*Cassaz. unica*, II, 174, *Giur. pen*., 1891, 182), e 24 giugno 1891, *Formilli* (*Cass. un*., II, 298; *Giur. pen*., 1891, 339; *Rivista pen*., XXXIV, 174)."

Anqas jista' jinghad, assumendo li verament ma hemmx prova tal-mewt ta' mart l-akkuzat (jew prova li l-mewt taghha giet kagunata mill-akkuzat kif qed jigi allegat fl-akkuza) li allura hemm id-difett ravvizat fil-proviso tas-subartikolu (1) ta' l-Artikolu 435 ral-Kodici Kriminali, u cioe` li Vella qed jigi akkuzat b'reat "li l-akkuza tieghu ma tkunx tista' tohrog mill-kumpilazzjoni li tkun saret". A skans ta' ripetizzjoni din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali tal-14 ta' Gunju, 1999 fl-ismijiet ***Ir-Repubblika ta' Malta v. Alfredo sive Alfred Cauchi u Riad Khatib***.

Ghall-motivi premessi (a) tirrespingi l-eccezzjoni tan-nullita` ta' l-Att ta' Akkuza sollevata mill-akkuzat, (b) *ex officio* tordna li l-kliem "**L-Ewwel Kap**" minnufih wara l-kliem "L-Avukat General f'isem ir-Repubblika ta' Malta jghid:" jigu kancellati, u (c) tordna l-prosegwiment tal-kawza.